MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Numru 948/2002

Il-Pulizija
Spettur David Saliba
Vs
**Saviour Agius**

**Illum 30 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti,

Rat lil imputat Saviour Agius bin Carmel u Maria Dolores nee` Borg mwieled Pieta` u residenti 114, Triq San Sebastian, Qormi, ta' karta ta' identita` numru 203278(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-20 ta' Lulju 20902 f'Tigne` limiti tas-Sliema filghodu ikkometta serq ta' stereo tal-ghamla Kenwood li jiswa aktar minn lm50 minn gewwa karozza tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni EYE-001 ghad-dannu ta' Mark Camilleri liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-stess datat, hin u lok u cirkostanzi ikkaguna hsara volontarja jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fl-imsemmija karozza liema karozza tiswa aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 ghad-dannu tal-imsemmi sid u cioe` Mark Camilleri.

Talli huwa ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Talli kkometta delitt iehor fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza liema sentenza inghatat fis-16 ta' Mejju 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu liema ammsijoni hu ppersista anke wara li nghatalu zmien biex jikkonsidra.

Rat l-stqarrija tieghu u l-fedina penali esebiti.

Ikkunsidrat:

Li originarjament l-akkuzat odjern kien mixli flimkien ma' persuna ohra fil-konfront ta' liema kawza giet deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' Jannar 2003 cioe` wara li l-prosekuzzjoni kienet talbet separazzjoni tal-gudizzju u l-imputat f'dawk il-proceduri kien ammetta l-akkuzi. Intant is-sentenza kontra dak l-imputat ma gietx inserita f'dawn l-atti li jirrigwardaw biss lill-imputat odjern.

Illi l-ammissjoni tieghu hija wahda volontarja u nkondizjonata.

Jirrizulta oltre r-refurtiva konsistenti fi stereo gie debitament ritornat lil sidu.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul fir-rigward il-piena li ghandha tapplika f'dan il-kaz kontra l-odjern imputat. Hi tal-fehma, kkonsidrat li r-refurtiva giet ritornata u l-imputat qabad it-

triq it-tajba tant li anke segwa programm ta' rijabilitazzjoni u finallizah b'success, li piena karcerarja m'hiex il-piena adattata u l-imputat jixraqlu jinghata l-ahhar opportunita`.

Rat l-artikoli 261(b)(g), 264, 271, 325, 49, 50 u 17 tal-Kapitlu 9 u l-Artikolu 7 tal-Kapitlu 446 u l-artiklu 28B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti filwaqt li ssib lil imputat hati tpoggih taht ordni ta' probation jigifieri tqieghdu taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal perjodu ta' tlett snin mill-llum u tvarja l-ordni originali tas-sentenza sospiza billi tissostitwixxi l-perjodu operattiv b'perjodu ta' erbgha snin dekorribli mill-llum

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------